# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum It-Tlieta, 24 ta' Novembru 2015**

**Rikors Ġuramentat Numru: 95/2008**

**Saviuor sive Sammy Spiteri**
**u martu Maryanne Spiteri**

**vs**

**C & F Building Contractors Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-esponenti Sammy Spiteri esegwixxa diversi xogħolijiet b'sub appalt fuq inkarigu tas-soċjeta' intimata fuq tliett proġetti tal-Gvern li saru fil-gżira ta' Għawdex, u ċioe' l-bini tal-impjant tad-dranaġġ fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Ras il-Hobż' fil-limiti ta' Għajnsielem, u r-rikostruzzjoni ta' toroq arterjali: Triq Papa Ġwanni Pawlu II, f'Victoria u Triq l-Għarb, fl-Għarb, u Triq l-Imġarr, F'Għajnsielem, u fix-Xewkija;

Illi l-prezz tax-xogħol kollu esegwit mir-rikorrenti ġie jammonta għas-somma komplessiva ta' tliet mija u ħamsa u erbgħin elf mija u sitta u tletin Euro (€345,146), inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, li minnhom fadal x'jitħallas il-bilanċ ta' mija u tmint elef, tmien mija u tmeinja u erbgħin Euro (€108,848). Il-ħlas li sar s'issa ta' mitejn u sitta u tletin elf mitejn u tmienja u tmenin Euro (€236,288), dan ġie saldat in kwantu għal mitejn u disa' u għoxrin elf u ħamsa u disgħinj Euro (€229,095) f'pagamenti rateali u in kwantu għal sebat elef mija u tlieta u disgħin Euro (€7,193) ġew paċuti ma' somma ugwali li l-esponenti kellu jagħti lis-soċjeta' konvenuta ta' planki li kien ordna u ġew suppliti mis-soċjeta' konvenuta;

Illi l-ħlas li qed jintalab huwa għal xogħol li sar in parti bl-imqietgħa u li ġie mkejjel mis-surveyor Saviuor Bonello u in parti skond in-numru ta' sigħat ta' ħidma, in-numru ta' ħaddima, u tal-makkinarju li kienu ġew mpjegati għal xogħol partikolari fejn dan ma sarx bil-kejl jew fejn ma setgħax jitkejjel, u l-kontijiet relattivi qed jiġu hawn annessi u markati minn SS 1 sa SS 21;

Illi fl-ammont mitlub hemm ukoll l-ispejjeż tal-materjal ta' ġebel, konkos, xibka u ħadid, u kir ta' makkinarju li ġie wżat għal dan ix-xogħol esegwit mir-rikorrenti fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta;

Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas dan il-bilanċ, u dan l-aħħar ukoll permezz ta' ittra uffiċċjali numru 440/2008 tal-21 ta' Lulju 2008, u debitament innotifikata fit-30 ta' Lulju 2008, hija baqgħet inadempjenti, u qed tirrifjuta li tħallas il-bilanċ li fadallu jiġi saldat ta' mija u tmint elef, tmien mija u tmeinja u erbgħin Euro (€108,848);

Illi l-bilanċ li fadallu jitħallas huwa wieħed ċert, likwidu, u dovut, u sa fejn jafu r-rikorrenti, s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti kontra din it-talba għall-ħlas ta' dan l-ammont. L-unika skuża li qed iġġib il-kumpanija biex ma tħallasx hija li baqgħalha ebda qliegħ mill-flus tal-appalt prinċipali li hi kellha mal-Gvern għal dawn ix-xogħolijiet. B'kull rispett din hija kwistjoni li ma tikkonċernax lir-rikorrenti billi r-rikorrenti qegħdin jitolbu li jitħallsu ta' xogħol li sar minnhom u li nkarigathom jagħmluh is-soċjeta' konvenuta;

Illi sakemm kien qe jiġi esegwit ix-xogħol, il-kumpnaija intimata kienet tħallas regolarment, tant li mill-prezz globali, sallum tħallsu mitejn u sitta u tletin elf, mitejn u tmeinja u tmenin Euro (€236,288), u fadal dovut il-bilanċ fuq imsemmi.

Talbu lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12.;

2. Tiddikjara li għadha dovuta lir-rikorrenti s-somma bilanċjali ta' mija u tmint elef, tmein mija u tmeinja u erbgħin Euro (€108,848) għax-xogħolijiet li saru minnhom fuq proġetti hawn fuq imsemmija;

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lir-rikorrenti din is-somma bl-imgħaxijiet b'effett minn meta x-xogħolijiet ġew imkejla u ħareġ il-kont tagħhom sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra nterpellatorja tal-21 ta' Lulju 2008 (Ittra numru 444/08) u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra s-soċjeta' konvenuta.

Bl-inġunzjoni tas-soċjeta' konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija mħarraka.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom billi l-ebda ammont mhu dovut lilhom mis-soċjeta' konvenuta li ħallset iżjed milli messha għax-xogħolijiet li saru mill-atturi kif jiġi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi mid-dokumenti esebiti mill-atturi f'dawn il-proċeduri, dawn qed jippretendu ħlas għal xogħol li ma sarx kif ukoll ħlasijiet b'rata ta' xogħol ogħla minn dik miftehma u/jew mill-prezz fis-suq kif jiġi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri u b'riserva għal kull azzjoni spettanti mis-soċjeta' konvenuta kontra l-atturi f'każ li jirriżulta illi sar ħlas żejjed lill-atturi għax-xogħolijiet minnhom imwettqa.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Frar 2011 li bih innominat lill-A.I.C. Godwin Abela bħala perit tekniku fil-kawża.

Rat ir-relazzjoni tiegħu ppresentata fit-18 ta' Settembru 2013 u minnu maħlufa fil-15 ta' Jannar 2014.
Rat id-domandi in eskussjoni magħmula mill-atturi lill-perit tekniku in segwitu għar-relazzjoni tiegħu.

Rat ir-risposti tal-istess perit tekniku għal dawn id-domandi, debitament maħlufa.

Rat id-domandi in eskussjoni magħmula mis-soċjeta' konvenuta lill-perit tekniku in segwitu għar-relazzjoni tiegħu.

Rat ir-risposti tal-istess perit tekniku għal dawn id-domandi, debitament maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Ġunju 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jirreklamaw il-bilanċ allegatament dovut lilhom mis-soċjeta' konvenuta għal xogħol ta' sub-appalt li sar minnhom fuq inkarigu tal-istess soċjeta' konvenuta li kienet qed taħdem fuq diversi proġetti tal-Gvern f'Għawdex. In esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu l-attur ħadem bin-nies tiegħu fuq l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ f'Ras il-Ħobs, limiti ta' Għajnsielem, u fir-rikostruzzjoni tat-toroq arterjali f'Għajnsielem, ir-Rabat u l-Għarb. Għal dan ix-xogħol l-attur kien qed jitħallas b'pagamenti akkont waqt li jkun għaddej ix-xogħol, wara li dan ikun ġie mkejjel mis-*surveyors* rispettivi tal-kontendenti.

L-attur jippretendi li għax-xogħol kollu esegwit minnu kellu jitħallas is-somma komplessiva ta' tliet mija ħamsa u erbgħin elf, mija u sitta u tletin Euro (€345,136), inluża t-taxxa fuq il-valur miżjud. Sa meta ġiet intavolata din il-kawża kien sar pagament ta' mitejn sitta u tletin elf mitejn u tmienja u tmenin Euro (€236,288), li ġew saldati in kwantu għal mitejn u disa' u għoxrin elf u ħamsa u disgħin Euro (€229,095) f'pagamenti rateali u in kwantu għal sebat elef mija u tlieta u disgħin Euro (€7,193) li ġew paċuti ma' somma ugwali li huwa kellu jagħti lis-soċjeta' konvenuta għal planki li kien ordna u ġew supliti lilu mill-istess kumpanija. Per konsegwenza qiegħed jirreklama mija u tmint elef, tmien mija u tmienja u erbgħin Euro (€108,848) bħala bilanċ.

Is-soċjeta' konvenuta tiċħad il-pretensjonijiet tal-atturi u tikkontendi li ma fadlilha tagħtihom xejn, anzi ssostni li ħallsithom iżżejjed. Tgħid li l-atturi jippretendu ħlas għal xogħol li ma sarx, jew li ġie ikkalkolat b'rati ogħla minn dawk miftehma jew mir-rati korrenti fis-suq.

Il-perit tekniku nominat, wara li sema' x'kellhom xi jgħidu l-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti, u wara li eżamina d-dokumenti esebiti u ħadem il-kalkoli tiegħu, kien f'posizzjoni jikkonkludi s-segwenti:

*"I. Illi dwar ix-xogholijiet maghmulin mill-atturi fit-Triq ta' Pinu, San Lawrenz, hu tal-opinjoni li ma hemm ebda raguni valida ghaliex l-attur m'ghandux jithallas l-ammont shih tal-kont mahrug u certifikat mill-QS* (quantity surveyor) *tas-socjeta' konvenuta wara li x-xogholijiet gew imkejjlin miz-zewg QS, liema ammont hu ta' EUR85,233.05 (hamsa u tmenin elf mitejn u tlieta w tletin ewro u hames centezmi) inkluz il-VAT.*

*II. Illi in segwitu ghas-suespost, hu tal-opinjoni li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-atturi l-bilanc li jammonta għal* ***EUR7,545.51*** *(sebat elef hames mija w hamsa w erbghin ewro u wiehed u hamsnin centezmi) inkluz il-VAT.*

*III. Illi dwar ix-xogholijiet magħmulin mill-atturi fi Triq l-Imgarr, l/t Ghajnsielem, hu tal-opinjoni li ma hemm ebda raguni valida ghaliex l-attur m'ghandux jithallas l-ammont shih tal-kont mahrug u certifikat mill-QS tal-atturi, liema ammont hu ta' EUR19,691.89 (dsatax il-elf sitt mija w wiehed u disgha u tmenin centezmi) inkluz il-VAT.*

*IV. Illi in segweitu għas-suespost, hu tal-opinjoni li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-atturi l-bilanc li jammonta għal* ***EUR14,442*** *(erbghatax il-elf erba' mija w tnejn u erbgħin ewro) inkluz il-VAT.*

*V. Illi dwar ix-xogholijiet maghmulin mill-atturi fis-sit ta' Ras il-Hobz (Tal-Fessej) hu tal-opinjoni li ma hemm ebda raguni valida ghaliex l-attur m'ghandux jithallas l-ammont shih tal-kont mahrug u certifikat mill-QS tas-socjeta' konvenuta wara li x-xogholijiet gew imkejlin miz-zewg QS, liema ammont hu ta' EUR173,328.26 (mija w tlieta w sebghin elf tlett mija w tmienja w ghoxrin ewro u sitta w ghoxrin centezmi) inkluz il-VAT.*

*VI. Illi in sewgitu għas-suespost, hu tal-opinjoni li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-atturi l-bilanc li jammonta għal* ***EUR14,725.51*** *(erbghatax il-elf seba'mija w hamsa w ghoxrin ewro u wiehed u hamsin centezmi) inkluz il-VAT.*

*VII. Illi in kwantu għall-kontijietipprezentati mill-atturi għall-uzu tal-ingenji fis-sit ta' Ras il-Hobz, fosthom krejn kif ukoll xogholijiet ohra, hu tal-opinjoni li l-attur ghandu jithallas biss tal-uzu tal-krejn mhaddem minn nies tieghu li, mill-kontijiet ipprezentati tali ammont gie mahdum mill-esponent fl-ammont ta' EUR36,879.22 (sitta w tletin elf tmien mija w disgha w sebghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi) ekwivalenti għal LM15,832.25.*

*VIII. Illi in segwitu ghas-suespost, hu tal-opinjoni li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-atturi ghall-uzu tal-krejn tul ix-xogholijiet l-ammont ta'* ***EUR36,879.22*** *(sitta w tletin elf tmien mija w disgha w sebghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi) inkluz il-VAT."* [1]

Dan ifisser li skont ir-relazzjoni tal-perit tekniku, l-atturi fadlilhom jiġbru mingħand is-soċjeta' konvenuta s-somma ta' tlieta u sebgħin elf ħames mija tnejn u disgħin euro u erba' u għoxrin ċenteżmu (€73,592.24ċ). Ma dawn irridu nżidu €177 għal xi *items* li l-perit tekniku kien bi svista ħalla barra u li ammetta li għandhom jiġu nklużi fil-kont tal-atturi, meta wieġeb għad-domandi in eskussjoni li sarulu minnhom.[2]

[1] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 318 – 329 u dokumenti annessi a fol. 330 - 338
[2] Ara risposta A (ii) tal-perit tekniku , a fol.560 tal-process

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jikkritikaw ir-rapport peritali għax jikkontendu li l-perit tekniku naqas li jieħu in konsiderazzjoni xi pretensjonijiet oħra tagħhom:

(i) Fir-rigward ta' diskrepanzi fl-ammonti riżultanti mid-Dok. D ppreparat mill-espert tal-Qorti u l-kontijiet tal-attur fl-ammonti ta' €5252.20ċ u €5205.45ċ indikati fil-paragrafi enumerati '1' u '2' f'din in-Nota,[3] il-Qorti jidhrilha li għandha toqgħod fuq il-kontijiet kif maħduma mill-espert tagħha, billi dawn jidher li saru b'mod metikoluż mill-istess espert wara li ħa in konsiderazzjoni l-kontijiet kollha ppresentati mill-atturi, u qabbilhom mal-kejlijiet u rati ppreparati miż-żewġ *surveyors*. Barra minn hekk ma saret ebda referenza għal dawn id-diskrepanzi fid-domandi in eskussjoni li l-istess atturi għamlu lill-perit tekniku, fejn allura l-istess perit kien imbagħad ikollu kull opportunita' jwieġeb għalihom.[4] Għalhekk dawn l-ilmenti mhux se jiġu aċċettati.

(ii) Fir-rigward imbagħad tas-*site office* li nbena mill-ħaddiema tal-attur f'Ras il-Ħobż, hemm ix-xhieda ta' Victor Scicluna, ex-impjegat governattiv, li jkejjel ix-xogħol għan-nom tal-Gvern, li kien ikkommissjona dan ix-xogħol lill-kuntrattur (is-soċjeta' konvenuta attwali). Din ix-xhieda ttieħdet wara li l-perit tekniku kien ġia rrelata, u allura meta ma kellux l-opportunita' joħodha in konsiderazzjoni fil-kalkoli tiegħu.[5] Il-perit tekniku, kif spejga fir-risposti in eskussjoni tiegħu,[6] ma setax jara dan is-*site office* li kien ġie żmantellat wara li tlestew ix-xogħolijiet. Imma minn dak li xehed Victor Scicluna, li fissier kif kien ipprepara kont miktub bl-idejn f'dan ir-rigward, li mbagħad għaddieh lill-attur, jidher li t-talba tal-attur għall-ħlas ta' €7711.65 hija ġustifikata, u għalhekk ripetibbli.

(iii) Dwar ix-xiri ta' *wire* għall-*crane* għall-prezz ta' €440.25ċ, għalkemm dan jissemma fil-kont esebit a fol. 80 tal-proċess, u jingħad fin-Nota ta' sottomissjonijiet tal-attur li nżamm mis-soċjeta' konvenuta, ma tressqet ebda prova li dan tasssew nżamm minnha u mhux li ntuża mill-attur stess fuq il-*crane* tiegħu li kellu fuq il-lant tax-xogħol. Għalhekk din it-talba mhix ser tiġi aċċettata.

(iv) Dwar xogħol ieħor *extra* li l-attur jgħid li l-ħaddiema tiegħu għamlu għas-soċjeta' konvenuta, ġia wieġeb l-espert tekniku fir-relazzjoni tiegħu fis-sens illi: "*...mihiex il-prassi li, fuq progett ta' din l-entita', ghandu jkun hemm kontijiet addizzjonali separati minn dawk ippreparati mill-QS; jirrizulta fil-fatt li uhud mill-items f'dawn il-kontijiet u cioe' dawk relatati ma'*

[3] Ara Nota' ta' sottomissjonijiet tal-atturi a fol.590 - 596
[4] Ara dawn id-domandi a fol. 555 - 556
[5] Ara deposizzjoni tiegħu a fol.577 -584
[6] Ara para 'E' a fol.561

*day works u xogħol imkejjel, huma nkluzi fil-kejl u kontijiet tal-QS tal-atturi.*"[7] Il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tiddisturba l-konklużjoni tal-espert tagħha f'dan ir-rigward, tenut kont li dan huwa ferm iżjed intiż minnha f'materja teknika bħal din.

(v) Huwa minnu li l-atturi ressqu xhud (Michelangelo Gauci) li ħadem għas-soċjeta' konvenuta fuq il-proġett ta' Ras il-Ħobż, u li kkonferma li ġieli sselfu l-*crane* tal-attur u ħadmu bih wara li l-ħaddiema tal-attur ikunu telqu minn fuq il-lant tax-xogħol. Madankollu ma nżammu ebda *records* li jaqblu fuqhom iż-żewġ naħat dwar kemm fil-fatt sar użu mill-*crane* tal-attur b'dan il-mod. Kif tajjeb qal il-perit tekniku: " *...jidher li ma kienx hemm ebda forma jew bazi ta' ftehim dwar dan u ghaldaqstant trid tigi valutata x-xhieda moghtija miz-zewg partijiet dwar din il-vertenza; jekk fil-fatt sar xi uzu mill-krejn tal-attur minn nies tas-socjeta' konvenuta w li l-attur kien a konoxxenza ta' dan, kienet ir-responsabilita' u dritt tieghu li jaghmel xi forma ta' arrangament mas-socjeta' konvenuta, haga li naqas li jaghmel.*"[8] Fin-nuqqas ta' prova relattiva sodisfaċenti, l-Qorti ma tistax taċċetta l-pretensjoni tal-atturi għall-pagament għall-allegat użu tal-*crane* tagħhom mis-soċjeta' konvenuta.

RI-EPILOGU

Għaldaqsant jiġi li għadu dovut lill-atturi mis-soċjeta' konvenuta:

(i) Il-bilanċ ta' €7,545.51ċ għax-xogħol li sar fi Triq ta' Pinu, San Lawrenz;

(ii) Il-bilanċ ta' €14,442 għax-xogħol li sar fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem;

(iii) Il-bilanċ ta' €14,725.51ċ għax-xogħol li sar fl-impjant tat-tisfja tad-dranaġġ f' Ras il-Ħobż, Għajnsielem;

(iv) €36,879.22ċ għall-użu tal-*crane* mill-ħaddiema tal-attur;

(v) €177 għal xi *items* li l-perit tekniku ħalla barra bi svista u li ddikjara li għandhom jiġu nklużi fil-kont tal-atturi meta wieġeb id-domandi in eskussjoni li sarulu mill-atturi;

(vi) €7,711.65ċ għall-bini tas-*site office* li mill-provi jirriżulta li sar għal użu temporanju fil-proġett ta' Ras il-Ħobż.

Total ta': wieħed u tmenin elf, erba' mija u tmenin euro u disa' u tmenin ċenteżmu (€81,480.89ċ).

---

[7] Ara paragrafu 'J' tal-perit tekniku a fol. 326

[8] Ara parfgrafu 'M' tar-rapport peritali a fol. 327

Kif tajjeb jindikaw l-atturi fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, billi dan id-dejn huwa wieħed ta' natura kummerċjali, mal-bilanċ li rriżulta li għadu dovut, iridu jiżdiedu l-imgħaxijet legali b'effett mid-data tal-ħruġ tal-fatturi rispettivi sa meta jsir il-pagament attwali.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tiddikjara li għadha dovuta lill-atturi għal xogħol ta' sub-appalt li dawn wettqu għas-soċjeta' konvenuta u fuq inkarigu tagħha fuq diversi proġetti f'Għawdex, indikati fir-Rikors ġuramentat tagħhom, is-somma ta' wieħed u tmenin elf, erba' mija u tmenin euro u disa' u tmenin ċenteżmu (€81,480.89ċ);

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-atturi din is-somma, bl-imgħaxijiet relattivi b'effett minn meta nħarġu l-kontijiet għall-istess xogħolijiet, sa meta jsir il-pagament.

L-ispejjeż tal-kawża, billi l-ammont li rriżulta li huwa attwalment dovut huwa inqas minn dak pretiż mill-atturi, għandhom jiġu ssoportati in kwantu għal żewġ terzi (2/3) mis-soċjeta' konvenuta, u terz (1/3) mill-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur